**20 ta' April, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Tabib Joseph Grech

*versus*

Mary Grech

**Sentenza – Digriet – Digriet Definittiv – Digrieti Interlokutorji – Digrieti li la huma Definittivi u lanqas Interlokutorji – Appell – Appell minn Tali Digrieti**

*Appell minn żewġ digrieti interlokutorji mogħtijin mill-istess Qorti diversament preseduta.*

*Hemm tliet xorta ta' digrieti skond il-liġi tagħna: dawk definittivi, dwak interlokutorji u dawk illi la huma la definittivi u lanqas interlokutorji. Hemm differenza bejn sentenza definittiva u digriet interlokutorju. Is-sentenza definittiva hija pronunċjament tal-Qorti li "terminat negotium de quo agitur", waqt illi d-digriet interlokutorju "non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam". Fit-tielet kategorija ta' digrieti ma hemmx appell, fiż-żewġ każi oħra hemm.*

*Impunjazzjoni ta' digriet interlokutorju, bħal każ mertu in eżami, trid issir b'Appell fiż-żmien stipulat mil-liġi u mhux b'Ċitazzjoni in kontradditorju tal-kontroparti fil-Qorti stess li jkun emanat id-digriet għaliex altrimenti jkun hemm stultifikazzjoni tal-proċess ġudizzjarju.*

*Il-Qorti għalhekk sabet illi l-proċedura addottata mill-attur b'Ċitazzjoni kienet irritwali u nulla.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi permezz ta' ċitazzjoni numru 480/82BC fl-ismijiet inversi l-konvenut talbet illi l-attur odjern jiġi

kkundannat; (1) jirrestitwixxi d-dota lilu mogħtija fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħhom; (2) tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejniethom billi tiġi ddikjarata tikkonsisti f'dawk il-beni *komuni bejn il-partijiet wara li jiġi mnaqqas minnha l-*proprjetà parafernali lill-attriċi apportat f'dik il-komunjoni; (3) jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi ammont ta' flus li jiġi minn dina l-Qorti likwidat b'restituzzjoni għall-proprjetà parafernali tagħha li ġiet konfuża f'massa komuni; (4) tiġi diviża f'żewġ porzjonijiet ugwali r-riżultanti komunjoni *ta' l-akkwisti; (5) jiġu* assenjata r-riżultanti żewġ porzjonijiet nofs lill-attriċi u nofs lill-konvenut; u (6) jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-kawża, inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni ottenut kontra tiegħu;

Premess *illi l-attur odjern* eċċepixxa fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu:

1) Illi hu ma jopponiex it-talbiet attriċi sakemm huma konformi mat-termini tas-sentenza ċitata fiċ-ċitazzjoni;

2) Illi fir-rigward tad-dota l-eċċipjent jeċċepixxi illi hu qatt ma rċieva flus u oġġetti mingħand l-attriċi jew il-ġenituri tagħha qabel iż-żwieġ, u jekk irċeviet xi ħaġa l-attriċi hi trid tagħti rendikont tagħha in kwantu dawn baqgħu fil-pussess tagħha;

3) *Illi* fir-rigward ta' *l-*esklużjoni *mill-komunjoni ta' l-*akkwisti tal-qliegħ ta' l-attriċi bħala farmaċista dawn ukoll baqgħu f'idejha u ma ġew qatt amministrati mill-eċċipjent u għalhekk ma hemm l-ebda konteġġi biex isiru dwarhom. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Premess illi b'rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 1984 l-attur odjern, wara li ppremetta li waqt is-seduti quddiem il-Perit Legali

l-konvenuta rrifjutat li twieġeb għad-domandi li jsirulha:

1) dwar investiment sostanzjali f'*Barclays International Limited* ta' *Cookspur Street,* Londra;

2) dwar id-Dokument I li juri dan l-investiment f'hiex jikkonsisti;

3) jekk dan jirreferix għaliha;

4) dwar ittra ddatata 11 ta' Marzu 1982 esibita bħala Dok. TAI;

5) dwar jekk kenitx tirċievi korrispondenza fl-indirizz tal-mamà tagħha f'Marsamxetto Road, Valletta, li ma kienx jaf biha l-konvenut;

6) dwar korrispondenza li l-attriċi rċeviet fil-P.O. Box 588, Valletta; u

7) dwar l-eżistenza o meno ta' *joint account* b'bank esteru flimkien ma' terzi persuni, talab:

1) li l-Perit Legali jiġi ordnat jirritorna l-proċess fir-Reġistru tal-Qorti;

2) li l-Qorti tappunta r-rikors għat-trattazzjoni;

3) li tordna lill-attriċi biex twieġeb għad-domandi in kontro-eżami dwar is-soġġetti enumerati minn (1) sa (7);

4) li l-Qorti timmodifika jew tirrevoka *'contrario imperio'*

d-digriet tas-16 ta' Settembru 1983 billi tammetti d-Dok. I u tordna minflok l-isfilz tad-Dok. H;

5) tordna lill-attriċi biex iġġib d-dokumenti u informazzjoni li tiġi mitluba ġġib; u

6) tiffissa tliet seduti f'dati viċini għall-kontinwazzjoni tal-provi;

Premess illi b'digriet tad-9 ta' Lulju 1984 dina l-Qorti ċaħdet l-ewwel erba' talbiet, u laqgħat il-ħames u s-sitt talbiet;

Premess illi b'rikors ippreżentat fit-23 ta' Lulju 1984 l-attur, filwaqt li tenna t-talba tiegħu biex dina l-Qorti tordna li l-proċess jiġi rritornat lilha mill-Perit Legali u tiffissa data u ħin għat-trattazzjoni orali, talab ir-revoka *'contrario imperio'* tad-digriet tad-9 ta' Lulju 1984 in kwantu ġew miċħuda l-ewwel erba' talbiet u tikkonfermah in kwantu ġew milqugħa l-ħames u s-sitt talbiet;

Premess illi b'digriet tal-25 ta' Lulju 1984 dina l-Qorti ċaħdet it-talba 'billi m'hemmx lok għat-trattazzjoni miltuba';

Premess illi dina l-Qorti tat iż-żewġ digrieti tagħha fuq riferiti tad-9 u tal-25 ta' Lulju 1984 mingħajr ma kellha quddiemha l-proċess jew semgħet lill-Perit Legali, u mingħajr trattazzjoni orali;

Premess illi bi żball dina l-Qorti ordnat l-isfilz ta' dokument validu flok dak invalidu;

Premess illi l-mistoqsijiet dwar il-punti elenakti u enumerati (1) sa (7) jirrigwardaw investimenti esteri tal-konvenuta u

għandhom rilevanza u pertinenza kbira għall-kawża, u huma mistoqsijiet indispensabbli għal dak li jrid jistabilixxi l-attur;

Talab għalhekk l-attur lil din il-Qorti:

1. tiddikjara ammissibbli l-mistoqsijiet dwar il-punti enumerati minn (1) sa (7);

2. tordna lill-konvenut biex twieġeb il-mistoqsijiet imsemmija;

3. fin-nuqqas, issibha ħatja ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u tikkundanna lill-konvenuta għall-piena kkontemplata mil-liġi;

4. tammetti d-Dok. I u tordna l-isfilz tad-Dok. H;

5. f'dan is-sens timmodifika jew tirrevoka d-digriet tas-16 ta' Settembru 1983, tad-9 ta' Lulju 1984 u tal-25 ta' Lulju 1984;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Mary Grech fejn eċċepiet bir-rispett illi n-nullità tal-proċedura segwita mill-attur stante li d-digrieti appellati kienu interlokutorji; u fil-mertu li d-digrieti mogħtija kienu korretti u m'għandhomx jiġu revokati;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda tagħhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża fosthom il-verbali fejn il-partijiet permess tad-difensuri tagħhom kellhom jippreżentaw noti ta'

osservazzjonijiet, u fejn ukoll il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza;

Ikkunsidrat illi l-ewwel eċċezzjoni hija waħda dilatorja u ta' natura preliminari, billi tattakka l-proċedura addottata mill-attur. L-attur qiegħed jattakka żewġ digrieti mogħtijin minn dina l-Qorti, kif diversament presjeduta, f'kawża oħra bejn il-kontendenti fl-ismijiet inversi fis-sens illi qed jitlob ir-revoka tagħhom. Il-konvenuta, attriċi fil-kawża l-oħra eċċepiet in-nullità tal-proċedura billi hawn *si tratta* ta' digrieti interlokutorji;

Mill-premessi *attriċi jirriżulta evidenti illi* d-digrieti *de quo agitur* għandhom x'jaqsmu ma' ammissjoni/produċibilità ta' xhieda o meno fil-perkors tal-kawża. Bħala tali għalhekk id-digrieti mogħtija jissejħu digrieti interlokutorji;

Kif kien ġie ritenut *in re:* Appell Ċivili fl-atti tar-rikors fl-ismijiet **E. Baldacchino *vs* J. Bellizzi,** deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Awissu 1953, hemm tliet xorta ta' digrieti, skond il-liġi tagħna, u ċjoè dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk illi la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Hemm differenza bejn sentenza definittiva u digriet interlokutorju. Is-sentenza definittiva hija pronunċjament tal-Qorti li *"terminat negotium de quo agitur"*, waqt illi d-digriet interlokutorju *"non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam"* (ara wkoll id-deċiżjoni *in re:* **E. Busuttil *vs* J. Ellul Sullivan,** Appell Ċivili, mogħtija fit-12 ta' Jannar 1942. Huwa preċiżament għalhekk li t-talbiet attriċi jirrigwardaw digriet interlokutorji u mhux xort'oħra. Issa, filwaqt li fit-tielet kategorija ta' digrieti (jiġfieri dawk illi la huma definittivi u lanqas interlokutorji) ma hemmx dritt ta' appell, fiż-żewġ każi l-oħra hemm. Impunjazzjoni ta' digriet interlokutorju għalhekk trid issir

b'appell fiż-żmien stipulat bil-liġi u mhux permezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti stess li jkun emanat id-digriet. Dan għaliex altrimenti jkollox stultifikazzjoni tal-proċess ġudizzjarju. Għalhekk il-proċedura adottata fil-każ in diżamina mill-attur hija rritwali u nulla;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, u tiċħad għalhekk it-talbiet kollha ta' l-attur bl-ispejjeż tal-kawża kontra tiegħu.